Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 238/2004

**Petrolea Limited**

**Vs**

**Noel Zammit**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf mitejn u disgha u disghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm1,299.45c) rapprezentanti oggetti mibjugha u kkonsenjati lilu u dan fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Gunju, 2005, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------